MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 234/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Stefan u Theresa mizzewgin Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici tat-2 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:
Illi in forza ta' Ittra Ufficjali bin-numru 3136/2007 reza ezekuttiva fis-26 ta' Settembru 2007 (Dok. "A") taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet, l-intimati jinsabu debitur tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta' erbatax-il elf, mija u hamsa u erbghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€14,145.33) flimkien mal-ispejjez u mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' A wwissu 2007 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi d-debitu tal-intimati mas-socjeta rikorrenti illum jammonta ghal tnax-il elf, tmien mija u tlett ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€12,803.29), flimkien mal-ispejjez u

mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Jannar 2011 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-ittra ufficjali fuq imsemmija setghat tigi ezegwita u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-Ittra Ufficjali bin-numru 3136/2007 reza ezekuttiva fis-26 ta' Settembru 2007 taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimati li naqsu li jipprezentaw risposta u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentanta tal-bank attur fejn iddikjarat bil-gurament taghha illi l-ammont ghadu kollu dovut;

Ezaminat  l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Fil-kontumcja tal-intimati tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------